MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 826/2000/1

Maltacom p.l.c

Vs

Excavation Plus Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-3 ta' Mejju 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u sbatax-il lira maltin u wiehed u erbghin centezimu (LM2,717.41) rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagunati mis-socjeta' konvenuta lil proprjeta' konsistenti f'cables tas-socjeta' attrici fi Triq il-Knisja l-Qadima, kantuniera ma Triq il-Ferrovia, B'Kara fis-17 ta' Marzu 1999; illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici qieghdha tipprezenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; illi ghalkemm interpellat biex jhallas dan l-ammont anke permezz ta' ittra ufficjali, is-

socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' LM2717.41 rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagunati mis-socjeta' konvenuta lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici kif fuq inghad.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2000 meta s-socjeta' konvenuta nghatat l-fakolta li tikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tal-5 ta' Gunju 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghal hsarat kkagunati fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
2. illi ghalhekk hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'dawn il-proceduri s-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta taghmel tajjeb ghad-danni li gew kagunati f'cables li kienu stallati taht is-superfici tat-triq fil-kantuniera ta' bejn Triq il-Knisja l-Antika u Triq il-Ferrovia,

B'Kara. Skond is-socjeta' attrici din il-hsara, li grat fis-17 ta' Marzu 1999, gie ikkawzata mis-socjeta' konvenuta. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta qed tichad kull responsabbilita' ghalkemm jigi rilevat li l-istess socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova u jidher li qed tistrieh fuq ir-rizultanzi processwali wara li tressqu l-provi attrici.

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza d-difensur tas-socjeta' konvenuta  ssolleva diversi punti li ser jigu kunsiderati separatament.

**In-nuqqas ta' nexus bejn l-akkadut u s-socjeta' konvenuta.**

Qed igi sottomess fl-ewwel lok li l-provi ma jindikaw ebda relazzjoni bejn x-xogholijiet in kwistjoni li taw lok ghad-danni reklamati w s-socjeta' konvenuta. Fil-verita' hawn jidher li tezisti lakuna apparenti ossia nuqqas da parti tas-socjeta' attrici, billi ma giex prezentat l-kuntratt ta' l-appalt li jorbot lis-socjeta' konvenuta max-xogholijiet in kwistjoni. Lanqas, kif sewwa osserva d-difensur tal-konvenut, ma jista' wiehed jigbed konkluzzjoni mir-rapport li sar mal-Ufficjal tal-Pulizija billi hawn ukoll s-socjeta' konvenuta ma' tirrizultax billi l-unika persuna involuta li tissemma fl-istess rapport hija Charles Ciappara, li allegatament kien qed jopera l-JCB800, u dan minghajr indikazzjoni jekk dan kien impjegat jew direttur tas-socjeta' konvenuta.

Intqal li din hija lakuna apparenti billi minn ezami tal-process johrog car li effettivament kienet s-socjeta' konvenuta nkarigata mix-xogholijiet. Infatti fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eccezzjonijiet jinghad espressament hekk: *"Illi s-socjeta' esponenti mhix responsabbli ghal hsarat ikkagunati fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici u dana stante li s-socjeta' attrici u/jew impjegati taghha <u>naqsu li jindikaw lis-socjeta' konvenuta fejn setghu jsiru x-xogholijiet ta' thaffir tas-sit imsemmi."</u>* Din id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta, abbinata mal-attitudini tal-istess socjeta' waqt il-gbir tal-provi, ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant li kienet l-istess socjeta' konvenuta involuta f'dan ix-xoghol. In effetti qatt ma inghatat l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-*legittimu kuntradittur*.

Din is-sottomissjoni tal-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta, ghalhekk mhux accettabbli.

**L-ammissjoni ta' Charles Ciappara.**

Fir-rapport intern tas-socjeta' attrici preparat mis-Sur Consiglio, issir referenza ghall-Police Report li gie redatt minn P.S. 508 li rrizulta li kien is-Surgent Bezzina. F'dan ir-rapport, li jissejjah "Current Incident Report" u jittratta dwar l-incident fuq imsemmi, fil-parti konkluziva taht it-titolu "Notes" insibu miktub hekk: "*The divisional police were informed through tech. Officer Maltacom Mosta that although Ciappara knowing with green marked line indicated by the Maltacom infront of the Public Garden Gate in Triq il-Knisja l-Qadiema B'Kara involuntary caused damage to telephone cable by means of JCB800. <u>Ciappara admitted to have caused the damage to cable infront of Mr Consiglio and is making good for damage."</u>* Stabbilit li Ciappara kien qed jahdem ghan-nom tas-socjeta' konvenuta', ma jirrizultax jekk dan kienx semplici impjegat jew inkella xi direttur ta' din l-istess socjeta'. Qed jigi ghalhekk sottomess li fl-assenza ta' prova dwar l-kapacita' rappresentativa ta' Ciappara ghas-socjeta' konvenuta, kwalunkwe ammissjoni qatt ma tista' torbot lil din is-socjeta' u ghalhekk, assumendo li saret din l-ammissjoni, din torbot biss lil Ciappara.

Dwar il-veracita' tad-dikjarazzjoni li tinstab fir-rapport fuq imsemmi l-istess Ufficjal tal-Pulizija kkonferma li din saret fil-presenza tieghu u anke fil-presenza ta' ufficjal tal-Maltacom. Da parte tas-socjeta' konvenuta ma tressqet ebda prova kuntrarja. La tela' rappresentant tas-socjeta' konvenuta u lanqas ma tressaq bhala xhud dan Ciappara biex jichad jew ghal menu jikkontrolla dak li hemm miktub fir-rapport ufficjali. Din il-Qorti ghalhekk tiehu bhala verita' dak li hemm fir-rapport u cioe li Ciappara ammetta responsabblita'.

Tenut kont ta' dan jibqa' li tigi ezaminata l-kwistjoni jekk tali ammissjoni torbotx lis-socjeta' konvenuta. Bhala regola generali hadd ma ghandu dritt jorbot hlief lilu nnifsu. Dan dement li ma jirrizultax li dak li jkun, qed

jaghmel dikjarazzjoni jew xi att, ma jkunx appozitament awtorizzat li jaghmel tali dikjarazzjoni mis-socjeta' konvenuta. Jekk dan kienx fil-vesti ta' impjegat jew ta' direttur tal-istess socjeta' ma hemmx prova. Ghalhekk proprjament wiehed ma jistax jassumi li d-diskors li sar minn Ciappara jorbot lill-istess socjeta'. U f'dan ir-rigward ghandu ragun id-difensur tas-socjeta' konvenuta. Izda din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammissjoni li saret minn dan Ciappara ghanda effett probatorju qawwi billi kienet dikjarazzjoni tal-persuna li effettivament kienet qed tezegwixxi x-xogholijiet. Din id-dikjaazzjoni ghalhekk sejra tinghata l-importanza li jisthoqqilha.

**Responsabbilita'.**

Kif gia gie rilevat supra s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha u donna qed tistrieh fuq l-provi ossia mankanza ta' provi tas-socjeta' attrici. Infatti qed jinghad li ma ngiebet ebda prova li s-socjeta' attrici adempiet l-obbligi taghha, qua sid tal-cable, meta naqset li tindika bic-car fejn kien ghaddejn il-cable. Bir-rispett kollu lejn dak li gie sottomess mid-difensur tal-konvenut, dan mhux minnu. Fl-ewwel lok hemm ix-xhieda ta' Paul Darmanin, l-'*overseer*' inkarigat mill-progett ghan-nom tal-Maltacom. Din il-persuna kellha d-dmir li tindika, permezz ta' zebgha hadra, fejn ikun ghaddej il-cable. Darmanin effettivament ikkonferma b'certa enfazi, li dan huwa ghamlu u li fil-post fejn gara l-incidnt kien hemm il-marki mal-art. Din ix-xhieda hija, sa certa punt, korroborata mix-xhud Busuttil li donnu ghandu l-kariga ta' foreman tal-'overseers' billi hu jiehu hsieb jibghathom fuq il-land tax-xoghol fejn ikun mehtieg. Dan xhed li jaf li saru l-marki fil-post in kwistjoni, izda fuq insistenza tal-Qorti u billi irrizulta li huwa ma jmurx personalment, hlief wara l-akkadut, dan ix-xhud stqarr li dak li kien qed jghid kien ibbazat fuq l-'progress report' li jipprezentalu s-subaltern tieghu, f'dan il-kaz Darmanin, minn fejn kien jirrizulta li dawn l-marki kienu saru. Billi din mhux xhieda konkluziva, l-Qorti staqsietu jekk marx fuq il-post wara l-incident u kkonferma li mar u hemm ikkonstata li aktar il-quddiem mill-post tal-incident kien hemm marki. Ovviament fuq fejn sar l-incident ix-xhud ma setghax jghid

jekk kienx hemm jew le marki, billi kien hemm hofra u hafna terrapin. Din il-Qorti, fl-assenza ta’ prova kontrarja u fl-assjem tal-provi, partikolarment l-ammissjoni ta’Ciappara fuq imsemmija, tikkonkludi li Paul Darmanin kien qeda dmiru billi indika biz-zebgha hadra minn fejn kien ghaddej l-cable.

Dan stabbilit wiehed jrid issa jezamina jekk kienx hemm xi nuqqas da parti ta’ Ciappara, l-operatur tal-JCB800 u jekk dan in-nuqqas jistax jirrifletti fuq ir-responsabbilita’ tas-socjeta’ konvenuta.

Jirrizulta li meta jsiru dawn il-marki mal-art biex jigi ndikat minn fejn ghaddej il-cable, ma tinghata ebda indikazzjoni tal-fond li fih jkun jinstab il-cable taht il-livell tat-triq. Irrizulta pero’ li skond ir-regolamenti li jifformaw parti integrali tat-tender, ghalkemm kopja hawn ukoll ma gietx ezebita, meta tigi indikata fuq is-superfici tat-triq l-presenza ta’ cable fis-sottosuol, il-kuntrattur hu obbligat li ma juzax ‘*heavy equipment*’ izda jhaffer bil-hand tools sakemm jidentifika fejn jinsab il-cable permezz tal-yellow tape li jitpogga, u b’hekk jkompli jahdem bil-garbu biex il-cable ma jintlaqatx. Mill-provi prodotti hemm indikazzjoni li l-operatur tal-JCB800 baqa’ ghaddej minn fuq kollox u ma’ waqfx biex juza l-hand tools. Dan jirrizulta minn dak li xhed l-ufficjal tal-Maltacom li qal espressament li ma ra ebda ‘hand tools’ fuq il-post tax-xoghol u ra biss ‘heavy equipment’. L-istess ammissjoni ta’ Ciappara hija indikattiva ta’ dan in-nuqqas.

Issa irrizulta wkoll li l-cable in kwistjoni kien jinsab fi fond ta’ cirka .90m taht is-superfici tat-triq skond ma xhed r-rappresentanti tas-socjeta' attrici u f’dan ir-rigward ma gewx kontradetti bl-ebda mod. Dan ifisser li s-socjeta’ attrici kienet, fl-istallazzjoni tal-cable, konformi mar-regola generali uzata f’cirkostanzi simili billi poggiet l-cable fi fond adegwat. Dan jfisser ukoll li l-istess operatur tal-JCB800, minkejja li kien jaf li kien hemm cable ghaddej, baqa mixi fl-istess fond li kien qabel b’mod li lahaq u laqat l-istess cables li kienu fi fond adegwat. Dan kien nuqqas serju ta’Ciappara.

Mil fuq espost jirrizulta li Ciappara kien jew impjegat jew ufficjal tas-socjeta; konvenuta. Kien x’kien pero’ certament kien gie inkarigat mis-socjeta’ konvenuta sabiex jaghmel ix-xogholijiet in kwistjoni. L-artikolu 1037 tal-Kodici Civili jiddisponi li “*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.*” Din hija l-hekk imsejha regola ta’ ‘*vicarious responsibility’* li ggjal lill-min jghati x-xoghol jirrispondi ghan-nuqqasijiet tal-impjegat tieghu. Hawn pero’, diversament mill-kazi tar-responsabbilita’ tal-lukandiera, ta’ sid annimal jew tal-inkwilin, ghall-hsara fil-proprjeta’ mikrija kagunati minn membri tal-familja, sefturi jew mistednin, fejn r-responsabbilita’ hija diretta u immedjata, fil-kaz ta’ l-*employer,* dan jirrispondi biss ghal eghmil tal-impjegat kemm il-darba jirrizulta li jkun qabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila.

F’dan l-aspett tal-kwistjoni ma tresqu ebda provi, la minn parti u lanqas minn ohra. Din il-Qorti ghalhekk trid toqghod fuq provi cirkostanzjali li johorgu mill-atti tal-process. Is-socjeta’ konvenuta kienet hadet kuntratt biex tezegwixxi xoghol ta’ tqattieh ta’ trinek ghat-tqeghid tal-katusi tal-ilma. Ghal dan ix-xoghol bhala l-ewwel rekwizit kien mehtieg l-uzu ta’ apparat kbir specjalizzat maghruf bhala JCB li jintuza biex jqatta l-blat u s-superfici tat-triq u naturalment il-htiega ta’ persuna kompetenti biex thaddem dan l-impjant. Izda stante li dan ix-xoghol kien ser jigi ezegwit f’toroq pubblici fejn necessarjament jkun hemm il-presenza ta’ “*equipment*” ta’ diversi entitajiet ohra governattivi kif ukoll, f’xi kazi, privati, bhal ma huma pipijiet tal-ilma u tad-drenagg, servizzi tal-elettriku u tat-telefon, bhal fil-kaz in ezami, l-persuna inkarigat mis-socjeta’ konvenuta, li effettivament tkun ‘*the front man*’ waqt ix-xoghol, trid necessarjament tkun ukoll kompetenti sabiex tassikura li ma tigi kagunata l-ebda hsara f’dawn l-impjanti u partikolarment tkun ukoll konxja tar-regolamenti relatati ma’ dawn it-tip ta’ xogholijiet. Senjatament li tkun taf xi jfissru l-marki li jsiru mid-diversi entitatjiet pubblici jew privati, fuq is-superfici tat-triq u daqstant importanti, kif

ghandu jigi ezegwit x-xoghol meta jigu riskontrati dawn l-ostakoli. Fil-kaz in ezami jirrizulta li Ciappara naqas b'mod serju fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet billi fejn kien indikat lilu li kien hemm 'cables' tas-socjeta' attrici, dan baqa' mixi kif kien qabel fl-istess profondita, u naqas ukoll, naturalment li jadopera l-attrezzi manwali indikati fic-cirkostanzi. Dan juri nuqqas da parti ta' Ciappara izda daqstant jindika nuqqas tas-socjeta' li impjegatu billi ma haditx , jew ma jirrizultax li hadet, il-briga li tassikura li l-impjegat jew l-addett ghax-xogholijiet, kien kompetenti ghall-inkarigu lilu moghti. Minn dan jirrizulta r-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta a termini tal-artikolu fuq imsemmi tal-Kodici Civili.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li d-danni kagunati kif fuq inghad graw tort u htija tal-istess socjeta' konvenuta, tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' elfejn seba' mija u sbatax-il lira maltin wiehed u erbghin centezimu (LM2717.41), u dana fl-assenza ta' prova kontrarja da parti tas-socjeta' konvenuta, u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat u dikjarat dovut, bl-ispejjes tal-kawza.